**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Ottubru 2020.**

**Rikors guramentat numru: 80/2018 AGV**

**AB**
**Vs**
**Dr. Mark Mifsud Cutajar u PL Katrina Zammit Cuomo li nhatru bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD EB b' digriet tas- 27 ta' Marzu 2018.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' A B, datat 4 ta' April 2018, li espona bir-rispett u kkonferma li:-

1. Il-partijiet zzewgu nhar it-12 ta' Awwissu 2006 (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok. JG 1).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal u cioe' FG EB li twieled fis- 7 ta' Lulju 2007 u HI EB li twieldet fid-19 ta' Jannar 2010.

3. Illi l-konvenuta rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, mohqrija, u theddid u ngurji ohra fil-konfront tal-istess attur dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi minhabba f'dan iz-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment b' tort uniku tal-istess konvenuta.

5. Illi fil-fatt il-manipulazzjonijiet tal-konvenuta kienu li wasslu lil esponenti sabiex sahansitra jigi rinfaccjat b' sentenza moghtija kontrieh li tirregola biss l-assi li hemm l-Awstralja appartanenti lill-komunjoni ta' bejn il-konjugi u anka l-access u l-manteniment tal-ulied.

6. Illi l-esponenti ma kellux dritt ta' smiegh xieraq fl-Awstralja u b' konsegwenza ta' dan huwa gie ppregudikat fid-dritt tieghu li anke jgawdi lill-familja tieghu u jghix hajja familjari.

7. Li dan kollu ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi l-partijiiet ghandhom proprjeta' Malta u l-esponenti bhala Malti ghandu dritt ghall-access ghal dan il-forum tenut kont li hu Malti u anke uliedu.

9. Illi l-esponenti jifhem fid-diffikultajiet sabiex jinforza kwalunkwe decizjoni fir-rigward ta' access ghall-uliedu o meno pero' qed jispjega li f'dan il-forum huwa jirnexxilu mhux indubbjament jinghata smiegh xieraq izda ukoll jinghata dritt li jgawdi l-hajja familjari tieghu kif sanat fil-Kostituzzjoni ta' Malta, u anke li jiddisponi mid-djun u l-proprjeta' li ghadha ttaqal il-komunjoni tal-partijiet;

10. Illi l-esponenti anke pprova jibghat abbozz ta' separazzjoni lill-martu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza izda minghajr ebda risposta.

11. Illi huwa fil-fatt qieghed prezentament jghix fid-dar li l-partijiet ghandhom f' Marsaxlokk u dana wara li b' ordni tal-Qorti gewwa l-Awstralja, gie mcahhad mill-propjeta' kollha li kellhom hu u martu fis-shab, kopja tal-kuntratt anness bhala Dok. JG 2;

12. Illi l-esponenti gie debitament awtorizzat biex jipprocedi bl-istanti permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti (digriet ta awtorizazzjoni anness u mmarkat Dok JG. 3).

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ma ghandhix din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna u ghal ragunijiet fuq imsemmija li:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputtabbli lil-konvenuta kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attur sabiex jghix separatament minn mal-konvenuta;

2. Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-attrici;

3. Takkorda access ghall-attur a favur iz-zewgt itfal u cioe' FG EB u HI EB, inkluz granet matul il-vaganzi taghhom tas-Sajf u l-Milied f' liema granet huma jkunu jistghu jqattghu l-hin taghhom f' Malta, ma' missierhom, fl-ahjar interess tal-ulied;

4. Tillikwida manteniment adegwat a favur taz-zewgt ulied u cioe' FG EB u HI EB li jkun jirrispekkja l-mezzi u l-bzonnijiet tal-istess ulied u tar-rikorrenti;

5. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti in toto jew in parte tal-artikolu 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilfet kull dritt li tiret lill-attur;

6. Ixxolji u tillikwida l-propjeta' komuni li hemm ezistenti bejn l-partijiet u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjment ugwali fid-dawl li l-attrici rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja porzjon lill-attur u porzjon lil-konvenuta *ope sententiam*. Fil-waqt li tinnomina Nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lil-konvenuta sabiex tirrestwixxi lill-konvenut rikonvenjzonat l-beni kollha dotali/ u jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-attrici rikonvezjonata taghmel dan, tikkundanna thallas lil-konvenut rikonvenzjonat dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u / jew parafernali sudetti.

8. Tassenja l-propjeta' li ghandom il-partijiet u cioe' li ggib in-numru 32, lum 114, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk lill-attur;

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci;

10. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-partijiet fit-12 ta' Awwissu 2006;

11. Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku;

12. Tawtorizza lill-attur sabiex jirregistra l-evenatwali sentenza fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors, kontra l-konvenuta, li hi minn issa ingunta in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-kuratur deputati Dr. Mark Mifsud Cutajar u PL Katrina Zammit Cuomo datata 18 ta' Mejju 2018 fejn esponew bir-rispett:-

1. Illi l-esponenti mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirriserva d-dritt li jipprezenta risposta motivata sabiex ikun cert illi l-parti intimata mhux ser tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni, qabel is-sentenza tal-firda.

**<u>FATTI</u>**

*1.* L-attur kien iltaqa' mal-konvenuta meta kien mar isegwi borza ta' studju gewwa l-Universita' ta' Melbourne ghall-PHD. Dak iz- zmien il-konvenuta kienet tifforma parti mill-kumitat tal-Malta Australian

Chamber of Commerce. Kienet talbitu sabiex jikkomponi l-*opening music* tas-serata u jghid li kien organizza *an evening of Austrialian chamber music.*

Jispjega li dak iz-zmien il-konvenuta kellha relazzjoni ma' certu JK, izda meta ltaqghu f' xi okkazzjoni ohra kienet qaltlu li kellha xi dizgwid mieghu. Xi sitt xhur wara dan bdew johorgu flimkien u fi zmien sena zzewwgu. Mill-bidunett bdew l-incidenti mal-familjari tal-konvenuta li jiddeskrivi bhala nies li jhobbu l-pika, huma ghajjurin u vendikkativa u jbatu minn instabbilita' mentali. Kienu kattivi u manipolaturi fuq kollox.

Il-koppja zzewwgu f'Awissu, 2006 u l-attur kellu jirriloka Canberra, fejn kienet tghix il-konvenuta, mhux kontra qalbu, izda ghax kellu jerga' jibda mill-gdid.

|F' Ottubru, 2006 kienu qed jistennew l-ewwel tarbija taghhom u meta l-konvenuta nfurmat lil ommha ma tantx kienet tidher kuntenta. Ommha li kienet proprjeta' ta' hafna immobbli li kienu jiswew miljun ta' dollari kienet tixtri hwejjeg ghat-tarbija minghand is-salvation army.

Gimgha qabel ma twieled F, l-ewwel wild taghhom, kien hemm incident bejn il-konvenuta u ommha, fejn ipprovokatha u kienet isterika, il-konvenuta kienet refghet idejha fuq ommha.

In segwitu, omm il-konvenuta kienet marret taghmel rapport kontra l-attur li kien vjolenti, izda ma kinux ittiehdu passi. L-istess kien gara wara li twieldet it-tarbija, ghax omm il-konvenuta kienet marret l-isptar b'intenzjonijiet provokatorji, tant li kellha tigi akkumpanjata mis-security biex titlaq 'l barra. Minhabba f'hekk ma hassewhomx komdji jmorru lura d-dar taghhom u kienu ghamlu xi zmien ighixu

ma’ LM. Il-konvenuta fil-fatt kellha titlob il-hrug ta’ garanzija kontra ommha minhabba l-problemi serji li kellhom.

Wara li twieled it-tifel kienu marru jghixu l-Kenja ghal xi zmien u gew anke Malta, imbaghad kienu rritornaw lejn l-Awstralja, Minn dejjem kien ikollhom il-problemi, pero’ meta waslu lura l-Awstralja, il-problemi zdiedu. Il-konvenuta kienet tinstab *depressed* minhabba l-qaghda tar-relazzjoni ma’ ommha. Kien anke wissih NO dwar il-familja tal-konvenuta.

Gara imbaghad, ighid l-attur, li ma kienx qed ihossu *fulfilled,* ghaliex kien qed jaghmel xoghol li ma kienx jirrifletti minn vera kien. Meta marru l-Awstralja kien jahdem mal-Foreign Affairs u lecturer. Il-konvenuta kienet insistiet mieghu li jmur lura Malta halli jahdem fil-qasam tieghu u kien ikompli jhallas il-loan tad-dar li kellhom M’ Xlokk peress li kienu waqghu lura fil-pagamenti. Fil-fatt, ighid li huh kien sellifhom xi flus.

L-attur jametti li kien qed ihoss in-nuqqas tal-familja tieghu u ried imur lura l-Awstralja. Il-konvenuta baqghet tinsisti mieghu li jibqa’ Malta u ftit wara nfurmatu li kienet telqitu u li kellha lil xi haddiehor.

Dwar it-tfal F u H jghid li biex jikkomunika maghhom huma taht kontroll assolut. Ighid li l-konvenuta tramite proceduri l-Awstralja ghandha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u ghandha ukoll mahruga watch list, li jfisser li t-tfal ma jistghux johorgu mill-Awstralja. Biex jarahom irid jaghti avviz ta’ sitt gimghat.

Dwar manteniment ighid li hemm zewg ordnijiet, ihallas 100, 000 Australian dollars u l-fee tac-childs support, li skond l-attur hija hazina ghax ibbazata fuq dak li qaltilhom il-konvenuta, ghax jichad

li jaqla' €40, 000. Kien hemm ukoll deciz li kellu jhallas l-avukat taghha fl-ammont ta' €50, 000 dollari Australjani u lill-avukat tieghu 20, 000 dollari Awstraljani.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-kontendenti ghandhom dar f'Marsaxlokk u cioe' 113/114 (gia'/ 32), Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, li kienet inxtrat fl-atti tan-Nutar Maria Spiteri fit-28 ta' Ottubru, 2009.[1] Ipprezenta valwazzjoni tad-dar mill-Perit Carmel Ellul.[2]

Ighid ukoll li kellhom proprjeta' l-Awstralja, izda jinsisti li ma nghatatx smiegh xieraq u tilef id-drittijiet tieghu fuqhom. Ipprezenta diversi dokumenti in sostenn ta' dan.[3] Dawn il-postijiet kollha hadithom il-konvenuta u mill-inqas jiswew 1.7 million Australian dollars. Ghalhekk qed jippretendi li tigi assenjata lilu d-dar ta' M' Xlokk u jassumi d-dejn fuq l-istess fond.

2. Il-konvenuta tghid li bejn l-2000 u l-2004 kienet tahdem mal-Australian High Commission hawn Malta meta ltaqghet mal-attur u kkonfermat li zzewwgu fit-12 ta' Awissu, 2006 u sseparaw fit-12 ta' Lulju, 2015. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal F u H.
   Tispjega li fiz-zmien l-gherusija kienet sabet impjieg permanenti mad-Dipartiment tal-Foreign Affairs and Trade f'Novembru, 2004. Dak iz-zmien tghid li bhala proprjeta' parafernali kellha xi mobbli fid-dar, 1999 Toyota Model Starlet li kellha valur ta' cirka $7, 000

[1] Ara Dok. JG 1

[3] Ara Doks. JG 2 – JG 9

u bhala flus mgemmghin kellha xi $46, 000 u ma kellhiex dejn. Il-flus kienet tiddepositahom gewwa Macquarie Fund.[4]

Il-konvenuta tghid li dwar l-ewwel post taghha f'24 B Dalrymple Street Red Hill kienet hallset kollox hi b'valur ta' $366, 000, salv ghal $2, 000 li kien hallas l-attur. Kien ghexu f'din id-dar bejn l-1 ta' Dicembru sat-8 ta' Frar, 2008. Imbaghad kienu marru jghixu l-Kenya u meta rritornaw f'Awissu, 2011 kienu marru jghixu f'4 Hodgeman Street, Mawson, fejn ghadha tghix sal-lum mat-tfal u thallas kera ta' €440.

Nel frattemp il-post Dalrymple kienet krietu u kienet tiehu hsieb l-finanzi u djun fuq dina l-proprjeta' u dan anke wara Lulju, 2015. Tikkonferma li l-bilanc tas-self huwa ta' $ 330, 829. Ipprezentat valutazzjoni tal-proprjeta' ta' Alan Gregory fid-9 ta' Dicembru, 2016 li vvaluta l-post ghal $700, 000. [5]

Dwar l-attur tistqarr li ftit kienu l-affarijiet tieghu personali, fosthom hafna kotba relatati mat-teorija tal-muzika, kompjuter, skrivanija, hwejjgu u 1981 jew 1983 Toyota Corola. Kellu ukoll credit card mal-Bank of Valletta plc. kif ukoll ghall-habta tas-sena 1996 kien xtara garaxx numru 7, Triq il-Migbha, Marsaskala. Biex xtara dan il-garaxx kien ha self ta' Lm20, 000 minghand certu PQ. Il-prezz kien ta' €46, 587.47 u l-attur kien hallas mensilment, izda gara li kien waqa' lura fil-pagamenti. Ghall-habta tas-sena 2005/2006 Q kien beda jheddu li kienu ser igieghlu l-proprjeta' u bl-intervent taghha kienet ikkonvinciet lill-attur sabiex ihallas l-arretrati. Illum

[4] Ara Dok. B anness mal-affidavit tal-konvenuta.
[5] Ara Dok. D anness mal-affidavit tal-konvenuta

il-bilanc huwa ta' €21, 150.71. L-attur jikri dan il-garaxx b'kera ta' cirka €250 kull tlett xhur u hemm tlett inkwilini li jaghmlu uzu minn dan il-garaxx.[6]

Fit-28 ta' Ottubru, 2009 tikkonferma li kienu xtraw flimkien numru 114, Il-Scirocco, Xatt is-Sajjieda, MarsaXlokk ghall-valur ta' €267,900 u kienu hadu loan ghall-valur ta' €240, 000 minghand HSBC Malta plc. Tghid li mill-flus li kellha mgemmghin fil-DFAT meta kienu Nairobi hallset il-bilanc u dan kien jammonta ghal €44,127.52. Sa Lulju, 2015 kienet thallas ghall-ispejjes relatati ma' dan il-post b'total ta' €41, 431.48.

Mill-15 ta' Ottubru, 2015, l-attur ilu jghix fid-dar matrimonjali u jhallas il-loan ezistenti fuq l-istess dar, pero' naqas li jhallas l-polza ta' life insurance li huwa ta' €70.57 kull xahar u sat-23 ta' Settembru, 2016 kien hemm arretrati fl-ammont ta' €423.42.

Il-konvenuta tispjega li kienu nefqu hafna sabiex jirrenovaw il-post sabiex jikruh li kienu jammontaw ghal €70, 673.62. Tghid li kienet tiehu hsieb il-kirja u l-flus kienu jmorru lejn l-ispejjes li kien hemm sabiex izommu il-post fi stat tajjeb,[7]

Fit-12 ta' Jannar, 2012 kienu xtraw flimkien il-fond 24A, Dalrymple Street, Red Hill ghall-prezz ta' $600, 000 u tikkonferma li hi thallas l-ispejjes u d-dejn relatati mal-istess proprjeta' u wara Lulju, 2015 hi biss assumiet kwalsiasi spejjes relatati mal-istess proprjeta'. Alan Gregory ukoll kien ghamel valutazzjoni tal-istess proprjeta' fl-ammont ta' $700, 000.[8]

[6] Ara Dok. C anness mal-affidavit tal-konvenuta.
[7] Ara Dok. E anness mal-affidavit tal-konvenuta.
[8] Ara Dok. F anness mal-affidavit tal-konvenut.

L-istess kienet is-sitwazzjoni ghall-proprjeta' li xtraw konguntivament f'14, Malua Street, Malua Bay, New South Wales ghall-valur ta' $295, 000. Tghid li kienet iffinanzjat parti sostanzjali minn dan il-post, kif ukoll kienet hallset sabiex armaw dan il-post. Kienet ghamlet arrangjamenti sabiex jinkera l-post *long le*t u kienet personalment ghamlet hafna tisbih fil-proprjeta', pero' l-kontribut tal-attur kien minimu. Ipprezentat valutazzjoni ta' dan il-post li sar minn Opteon fit-12 ta' Dicembru, 2016 ghall-prezz ta' $330, 000.[9]

Dwar l-introjtu taghhom, il-konvenuta pprezentat profil ta' x'kien jikkonsisti ghall-perjodi bejn 2005-2006 u 2014-2015, fejn taghha tghid li kien ta' $1, 141, 915, filwaqt tal-attur kien ta' $164, 578.42.

**Djun**

Il-konvenuta tispjega li l-attur ma kellux impjieg stabbli u per konsegwenza kienu akkumulaw id-djun taghhom ghall-credit cards (St. George, ANZ (inkluz l-card tal-attur) u Go Mastercard) li kellhom kienet tiehu hsieb thallas l-ammont minimu hi stess. Dwar il-card St. George tghid li kienet hadet self ta' $40, 000 sabiex thallas dan id-dejn fuq il-card, kif ukoll ir-rimanenti $10, 000 uzathom biex thallas xi kontijiet u dan kollu kien possibbli peress li kienet tittrasferixxi l-flus mis-salarju taghha.

Mid-data ta' meta sseparaw tghid li fuq dina l-credit card kien hemm bilanc ta' $27, 000 fuq is-self u l-bilanc tal-card kien ta' $15, 311.[10]

---

[9] Ara Dok, G anness mal-affidvait tal-konvenut.
[10] Ara Dok. I anness mal-affidavit tal-konvenut.

Fid-29 ta' Awissu, 2016 kienet amalgamat dawn il-bilanc f'loan wiehed b' pagamenti fuq perjodu ta' seba' snin fl-ammont ta' $794 fix-xahar, b'imghax bi 13.74%.[11]

Fuq id-dejn fuq il-card Go Mastercard kienet hallset il-bilanc fit-3 ta' Settembru, 2016 fejn l-ammont kien ta' $7, 970.56 bir-rifuzjonijiet tat-taxxa li kienet irceviet.[12]

Kien hemm ukoll l-ANZ cards fejn hi baqghet thallas il-kontijiet taghha, filwaqt li dawk tal-konvenut peress li kien hemm id-dejn fuqhom, kienet avzatu sabiex jerfa' l-piz tieghu.

Tispjega ukoll li jezisti dejn ukoll ma' diversi familjari li huma s-segwenti :-

i) RB (hu l-attur) – AUD 12, 606 ;
ii) S E (hu l-konvenuta) – self ta' $20, 177.67;
iii) T E (omm il-konvenuta) - $33, 873 rapprezentanti hlas tal-mizati tal-iskola tat-tfal, afterschool u vacation care ghas-sena skolastika 2015 u l-ewwel term tas-sena 2016.
iv) U V (ziju tal-konvenuta) - $18, 224. 02 rapprezentantati hlas tal-mizati tal-iskola, afterschool care u vacation care, kif ukoll $9, 000 ohra li sellifha biex thallas l-avukat.
v) Kuntrattur Malti li ghamel xogholijiet fid-dar ta' MarsaXlokk li jammonta ghal $12, 000;
vi) Blue Gum Community School - $17, 006.82 sa term 3 tas-sena skolastika 2017. [13]
vii) Cirka $60, 000 bhala spejjes legali ghas-separazzjoni.

[11] Ara Dok. J anness mal-affidvait tal-konvenut.
[12] Ara Dok. K anness mal-affidavit tal-konvenut.
[13] Ara Doks. N- P anness mal-affifavit tal-konvenuta.

Il-konvenuta tghid ukoll li tuzufruwixxi mill-Holy Cross Anglican Church Hackett li jghinu lil nies li ghandhom problemi finanzjarji u joffru ikel ghaliha u ghall-uliedha. Bhala arretrati ta' manteniment ghall-minuri, il-konveunta tghid li l-attur ghandu jhallasha $11, 436 u mis-separazzjoni 'l hawn kienet biss irceviet €217.20. Irceviet it-tax refund ghas-sena 2017 tal-attur fl-ammont ta' €248.[14]

Tispjega li minhabba li tista' biss titlob 50% rifuzjoni tat-taxxa fuq l-ispejjes tal-proprjeta' peress li huwa ko-proprjetarja, ir-rifuzjoni tat-taxxa taghha huwa anqas u jekk tigi biex tbiegh dina l-proprjeta' jkollha thallas *capital gains* fl-ammont ta' $16, 000.

Il-konvenuta tghid li kienet tiehu hsieb prattikament kollox fiz-zwieg, tiehu hsieb it-tfal, tiggestixxi l-kirijiet tal-postjiet, kif ukoll kienet tghin lill-attur biex isib impjiegi tajbin.

Dwar it-tfal minuri tghid li dawn ighixu maghha Canberra. Prezentement tahdem fl-Executive Level 1 in DFAT u l-introjtu taghha huwa ta' $110, 350. Dwar l-attur tghid li llum jahdem mal-Malta Government Education Department, izda huwa kapaci jmexxi hafna affarijiet ohra bhal dawk li hemm elenkati.[15] Izid tghid li minn xogholu ghandu car allowance fl-ammont ta' €4, 659, rimbors ghall-mobile u ADSL connection li huwa capped ghal €815 u expense allowance kull sena li jammonta ghal €1, 630.36.

Dwar ir-responsabbilita' fiz-zwieg, il-konvenuta tishaq li dejjem ippruvat issib bilanc bejn ix-xoghol u l-familja. Anke

[14] Ara Dok. Q anness mal-affidvait tal-konvenuta.
[15] Ara Dok. R anness mal-affidavit tal-konvenuta.

ghar-rigward il-fatt li kellha tivvjagga minhabba ragunijiet ta' xoghol, kienet dejjem tipprova tillimita ruhha. Kienet tiehu lit-tfal l-iskola u anke tohroghom. Kien hemm drabi fejn l-attur gieli ha lit-tfal l-iskola ukoll.

Mill-2013 l-attur kien iqatta' hafna hin wahdu go kamra vicin il-garaxx jikkomponi l-musika. Kien evidenti tghid li l-attitudnijiet taghhom fit-trobbija ta' uliedhom kienet differenti minn xulxin. Meta organizzat festin ghat-tifel minuri Paul, l-attur kien irrabbja mieghu ghax ma kienx qed ighin fil-preparamenti u mbaghad kien telaq f' nofs il-party.

|F'dan iz-zmien tispjega li applikat sabiex il-familja kollha tattendi f'kors ta' parenting skills mal-ANU School of Psychology. [16] Kienet ukoll ippruvat thejji « Grixti House Rules, « biex tenforzahom fil-familja, izda l-attur kien indifferenti, mentri hi u uliedha ghadhom isegwuhom sal-gurnata ta' llum.

Tispjega li kienet taghmel hilitha sabiex tlahhaq mal-impenji tat-tfal, izda l-attur il-ftit li kellu jiehu hsieb lil H kien gieli jhalliha wahedha u dak iz-zmien kellha 4 snin.

Dwar it-tifel minuri F tispjega li mill-iskola gharrfuha li kien qed jiffaccja problemi u tghid li ma tantx sabet sapport minghand l-attur u hi damet tigri bih ghand specjalisti sakemm gie stabbilit li kellu bzonn one-to-one support l-iskola ghax kien ma kienx iffukkat u jitlef il-koncentrazzjoni malajr. Illum jidher li qed jaghmel hafna progress u ibati minn ADHD u qed jinghata trattament mediku temporjanu

[16] Ara Dok. X anness mal-affidavit tal-konvenuta.

biex jaraw il-progress. Tghid li ghadha ma infurmatx lill-attur b'dan sakemm jigi deciz ghal darba jew dejjem li dan it-ttrattament ser jibqa' *long term*.

Bejn is-snin 2014 u 2015, tghid li l-attur kien iqatta' hafna hin id-dar bil-pygjama jara t-televixin, jixrob l-inbid. Ma tantx kien ighinha id-dar u anke bit-tfal, tant li kienet tispicca tibqa' ghaddejja sa tard billlejl.

Il-konvenuta tispjega li l-attur kellha hafna burdati u kien jirrabbja hafna maghha u mat-tfal. Meta beda jinsinwa li rega' ried imur Malta, kienet bezghet u hbiet il-passaporti tat-tfal biex tevita li jehodhom lura mieghu Malta. Issemmi diversi incidenti fejn kien wera hafna rabja maghhom u kien insulentaha fuq il-familja, peress li ma tantx kellha relazzjoni tajba maghhom. Isemmi incident partikolari li sehh bejn l-attur u 3 4, ohtha fil-Milied meta kienet qed toqghod ghand missierha.

Il-konvenuta tispjega ukoll li l-attur kellhu ideja ta' dixxiplina severa u kien anke jsawwat lit-tifel minuri F bic-cinturin. It-tifel kien jibki hafna u l-konvenuta tghid li kemm il-darba ppruvat tintervjeni biex twaqqfu ghax it-tifel kien mwerwer.

Izid tghid li l-attur dejjem kien iebes mal-minuri F u fis-sajf tas-sena 2014, meta kienu qed jippreparaw biex jaghmlu bbq, l-attur kien talab lil F biex inewwilu xi haga u peress li t-tifel injorah ghax kien qieghed fuq l-ipad, kissirlu l-ipad u kull tant zmien kien jerga' jfakkar lit-tifel minuri, li kien ghamel kien haqqu. Il-konvenuta tikkonferma li l-attur kien iktar kalm

mat-tifla u meta kkonfrontatu kien qalilha li F irid ikun ragel, filwaqt li H mara.

Meta l-attur telaq lejn Malta, il-konvenuta rrwolat lilha u t-tfal f' kors fuq P.E.T. (parenting effectiveness training) u dan sabiex jitjiebu l-hiliet ta' komunikazzjoni u sabiex it-tfal jitghallmu self-discipline, minghajr kastig jew rigali. B'hekk riedet tghallimhom minghajr forma ta' abbuz. Fl-istess waqt, ukoll minhabba n-natura ta' F, li juri rabja kemm fizika kif ukoll verbali, irrwolat ukoll mad-Domestic Violence Crisis Service biex jippartecipaw fil-Y POP's programme.

Mill-KAYAKS irrizulta li F ghandu hafna problemi emottivi u ghandu fih hafna rabja u biza' minn missieru. H minn naha l-ohra tibza' ukoll li missierha, li jinstab Malta ser jinsiha. Mill-analizi li sarilhom irrizulta li dawn l-atteggjamenti huma rizultat ta' abbuz.

L-attrici kkonfermat ir-rutina taghhom bhalissa li t-tfal minuri qed ighixu maghha l-Awstralja u li jinsabu f'stat ta' sahha tajba.

Dwar komunikazzjoni mal-attur, il-konvenuta tispjega li ppruvat tkellem lill-attur sabiex jiftiehmu fuq granet u hinijiet fejn setghu jikkomunikaw tramite Facetime, l-iktar minhabba l-hin differenti bejn Malta u l-Awstralja u minhabba d-diversi impenjii tat-tfal. Minkejja li l-attur baqa' ma tahiex risposta bdiet tipprova tikkomunika mieghu b'certu rutina u jekk kemm il-darba ma kinitx taqbad kienet izomm il-call log biex turih li ttentat tikkomunika mieghu. Izid tghid li l-attur jippreferi jitkellem ma' F u meta tipprova tkellmu hi jibda

jghajjarha. Pero' anke meta jkun mat-tfal ma jikkomunikax tajjeb , ghax jaghmel monologu.

Illum tghid li t-tfal mhux daqshekk kuntenti biex ikellmu lil missierhom. Tghid li trid li uliedha jzommu kuntatt ma' zijuhom u n-nanna paterna u ghalhekk kienet kitbet lil R hu l-attur sabiex kemm jista' jkun jikkomunikaw tramite Facetime.[17]

Il-konvenut ilu ma jara lil uliedu minn Lulju, 2016 u ghalkemm ma ssibx problema li jitlaqghu ma' missierhom meta jkun l-Awstralja, il-preokkupazzjoni taghha hija li lanqas jirnexxilhom jikkomunikaw tajjeb bil-Facetime.

3. Rev. FR. WX Y, li ilu jaf lill-attur ghal dawn l-ahhar erba' snin, ikkonferma li fil-gurnata tal-Milied tas-sena 2016, kien hareg mill-Knisja, tal-Kunicizzjoni, Rabat u kien sema' konversazzjoni bejn l-attur u ragel fejn kien qed jitlob li jkellem lil uliedu. Dan ir-ragel kien qed jirresisti u kienet tinstema' ukoll vuci ta' mara li kienet qed tghid li l-minuri ma riedux ikellmu lil missierhom.

4. R B , hu l-attur jistqarr li meta kienu marru jaghmlu xahar l-Awstralja qabel ma zzewwgu u kien induna li l-konvenuta kellha hafna tensjoni minhabba l-genituri taghha, li kienu sseparati, Kienet inkwietat jekk ommha kinitx ser tattendi t-tieg jew le.

Kien jikkomunika hafna mal-attur u kienet bdiet icempillu omm il-konvenuta. Kien informa lill-kontendenti li talbuh jiehu pacenzja.

---

[17] Ara Dok. CC anness mal-affidavit tal-konvenuta.

Ighid li ghal certu zmien ma kienx ra xejn mhux normali fir-relazzjoni tal-kontendenti. Il-knvenuta kienet talbet lix-xhud biex tissellef il-flus u kien ghaddihomlha, izda qatt ma thallas lura. Kien sellifha AUD 11, 550 u anke EUR. 700. Meta huh l-attur ma kienx qed jahdem kien hallasulu l-vjagg ghal Malta peress li ommhom kienet marida. L-attur kien gie ma' uliedha u kien induna li kien hemm xi problemi meta ma gietx il-konvenuta u kien semma' xi haga l-attur.

F' Lulju, 2015, l-attur kien qallu li kien gej jahdem Malta u kien ipprova jikkonvincih biex ibiddel fehmtu. It-tfal ma baqghux jigu Malta u kien ikkomunika mal-konvenuta biex forsi jevitaw separazzjoni,

Omm il-konvenuta kienet qalghat hafna inkwiet. Jikkonferma li l-attur kien tilef kollox minhabba kawza l-Awstralja.

Jikkonferma ukoll li kien tah lill-attur is-somma ta' €25, 070 minhabba xi proprjeta' in komun. Intant, kien uzahom biex jixtri proprjeta'.

5. Marie Elise Aquilina, in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonfermat li kienet sabet zewg kontijiet f'isem l-attur tat-tip savings u t-tnejn ghadhom attivi.[18]

6. Stephen Cachia, in rapprezentanza ta' Transport Malta pprezenta informazzjoni dwar vetturi li huma prezentement irregistrati f'isem

[18] Ara Dok. MA 1 – MA 2

l-attur,[19] li kienu rregistrati[20] u dwar il-konvenuta kkonferma li ma kien hemm vetturi rregistrati fuq isimha[21] u pprezenta informazzjoni dwar vetturi li kellha rregistrati fuq isimha.[22]

7. Alison Mifsud Brimmer, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat illi kien hemm kont wiehed irregistrat fuq l-attur.[23]

   F'isem il-partijiet irrizultaw seba' kontijiet.[24]

8. Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li f'isem l-attur sabu zewg konitijiet:-

   i) Savings account li ghadu miftuh;
   ii) Current account li ghadu miftuh.

   Xehdet ukoll li kien hemm visa card u kien hemm hames statements rrelatati mal-istess card ghax tkun twaqqfghet diversi drabi u tkun nharget wahda gdida. [25]

9. Z 1 2 , ilu jaf lill-attur mis-sena 2003 meta kien qieghed xi laqgha tal-kummissarjat tal-Awstralja u kienu qed idoqqu l-muzika, li parti minnha kien ikkomponiha l-attur. Kien sar habib sew taghhom u kien anke parrinu tat-tifla.

[19] Ara Dok. SC1
[20] Ard Dok. SC 2
[21] Ara Dok. SC 3
[22] Ara Dok. SC 4
[23] Ara Dok. AMB 1
[24] Ara AMB2 – AMB 7
[25] Ara Dok. JB 3 – JB 7

Kienu baqghu in kuntatt regolarment. Ma kienx induna li kien hemm problemi, izda li jiftakar kien induna li l-familjari tal-attur kienu nieqsa fil-maghmudijiet u lanqas kienu jissemmew.

Ighid li l-attur kien ikellmu dwar il-konvenuta u hass li l-imgieba taghha ma kienx wiehed professjonali. Kienet tmur titolbu l-flus. Huwa minnu li l-attur kien ighidlu li kienu ssikkati fil-flus, izda ma setax jifhem kif imbaghad il-konvenuta xtrat tlett postijiet l-Awstralja u post iehor Malta. Jistqarr li meta l-attur gie Malta hasab li kien gie biex jahdem, izda nduna li meta l-konvenuta kienet talbitu biex ma jmurx lura, din kienet dahket bih.

Jikkonferma li l-attur huwa bniedem kapaci f'xogholu u rikjest ghax-xoghol tieghu professjonali. Ighid ukoll li huwa missier li jrabbi lil uliedu b'dixxiplina b'certu hlewwa. Kien qed jipprova jaghmel kollox biex ighin il-familja u ghalkemm il-konvenuta kienet rat kbir hu hassu inferjuri li ma setax jipprovdi bizzejjed minkejja li kien kompositur u ghalliem.

Jikkonferma li l-konvenuta, li kienet tinstab l-Awstralja, kienet sakkritu barra, waddbitlu hwejjgu barra u anke bieghitlu l-karozza li kellu Volkswagen antika. Kienet anke thalli lit-tfal mal-familjari taghha meta ma kinitx tingwalha maghhom u dan sabiex tkun mal-partner taghha. Illum ighid li l-attur qed ikollu problemi sabiex jikkomunika mat-tfal minhabba ndhil minn naha tal-konvenuta.

10. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus esebixxa l-employment history tal-attur, kif ukoll tal-konvenuta. [26]

[26] Ara Dok. JS 1 u JS 2

11. Joseph Bonnici, in rapprezentanza ta' ARMS ltd, xehed dwar kontijiet li ghadhom dovuti lis-socjeta' u l-pagamenti li saru.[27]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur ipprezenta dina l-kawza f'forma ta' separazzjoni peress li jhoss li ma nghatax smiegh xieraq, meta l-konvenuta pprezentat proceduri quddiem il-Federal Circuit Court tal-Awstralja sabiex tigi likwidata u assenjata l-komunjoni tal-akkwisti u nghataw digriet fuq il-kura u kustodja tat-tfal minuri, kif ukoll fuq il-manteniment ghall-istess ulied.

Primarjament, dina l-Qorti tissottolinea li jekk l-attur hass li ma kellux dritt ta' smiegh xieraq, dan mhux il-kamp fejn ghandu jipprezenta l-ilmenti tieghu, izda jezistu rimedji ohra fil-ligi li l-attur seta' uzufruwixxa minnhom.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ma thossx li ghandha fi kwalunkwe hin u mument il-poter li tikkancella s-sentenza tal-Qorti Federali tal-Awstralja, in kwantu jirrigwarda decizjonijiet fuq il-komunjoni tal-akkwisti, l-kura u kustodja tat-tfal, kif ukoll l-ordni ta' manteniment. Ghalhekk, konsegwentement, il-Qorti ser tillimita ruhha biex tippronunzja biss fuq dak li ma giex deciz mill-Qorti Federali tal-Awstralja u cioe' dwar ir-responsabbilita' u l-hall taz-zwieg.

**RESPONSABBILITA'**

L-attur jaghti tort lill-konvenuta li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment u dan minhabba li rrendiet ruhha hatja ta' sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi. Il-verzjonjiet moghitja mill-kontendenti hija totalment kontradditorja. Il-konvenuta pprezentat affidavit iddetaljat fejn

[27] Ara Doka. RB 1 – RB 3

ipprezentat lill-attur bhala persuna li kellu apatija u ma kienx kapaci jahdem f'impjieg fiss. Kwalsiasi responsabbilita' fil-konfront tat-tfal tghid li hi refghetha mhux l-attur, li kien jippreferi jqatta' hin wahdu jew jara t-televizjoni u jixrob l-inbid, partikolarment lejn l-ahhar tar-relazzjoni taghhom.

Il-konvenuta ukoll tirrileva li l-attur kien izomm dixxiplina wisq rigida mat-tfal, l-iktar mal-minuri F, meta kien isawwtu bic-cinturin. Ma kinitx taqbel ma' din il-forma ta' dixxiplina, li hija ghal kollox innegata mill-attur.

Huwa difficli biex il-Qorti tasal biex tiddetermina minn minnhom huwa l-iktar kredibbli, tenut kont tal-fatt li x-xhieda prodotta dwar ir-responsabbilita' huma ghal kollox limitati u hu l-attur, kif ukoll il-habib tal-attur iktar taw dawl fuq il-konvenuta u t-talb taghha ghall-flus peress li kellhom problemi finanzjarji, minhabba li l-attur kien ghamel zmien dizokkupat.

Madanakollu, mix-xhieda tal-kontendenti, jista' jinftiehem li l-konvenuta kellha impjieg mal-DFAT relatat mal-foreign affairs u kienet tigi stazzjonata f'diversi ambaxxati f'pajjizi differenti. L-attur, muzicista u ghalliem, kien halla kollox sabiex ikun mal-konvenuta f' Canberra u bata sabiex sab impjieg relatat max-xoghol tieghu, anzi pjuttost kull impjieg li sab ma kienx relatat mal-kapacitajiet tieghu. Dan gharrfu Z 1 2 xehed li kien hemm certu nuqqas ta' *self- fulfillment* da parti tal-attur peress li kien qed ihossu inferjuri fis-sens li ma setax jipprovdi bizzejjed ghall-familja.

Dina l-Qorti tista' tifhem is-sens ta' frustrazzjoni tal-attur, iktar u iktar meta kellu martu li kienet ambizzjuza u riedet tavvanza fil-karriera taghha. Minhabba f'hekk l-apatija u r-rabja li kien jesprimi l-attur, jistghu jigu

ggustifikati bhala zvog minhabba dina l-inferjorita'. Il-konvenuta setghet ma ndunatx jew ma rrelatatx dawn l-atteggjamenti ma' dawn il-fatturi.

Fattur importanti iehor kien ir-relazzjoni tal-konvenuta mal-familjari taghha. Kienu jaqilghu hafna glied, specjalment omm il-konvenuta. Dan kollu ta' lok ghal hafna glied bejn il-kontendenti peress li kien ikun hemm hafna tensjoni bejniethom u d-dwejjaq tal-konvenuta minhabba dawn ic-cirkostanzi kienet tispicca tinfexx mal-attur, li jwasal ghal diversi insulti u ingurji.

L-aspett finanzjarju tal-partijiet ma ghenx il-hajja matrimonjali lanqas. Il-konvenuta bdiet tinvesti fil-proprjeta' u ghalkemm l-introjtu taghha kien wiehed tajjeb, l-attur kien diehel u hiereg minn diversi impjiegi u ghalhekk ma kienx hemm paga stabbli li wasslu ghall-arretrati fil-pagamenti tal-loan li kellhom Malta, kif ukoll kellhom jissellfu xi flus. Anzi l-konvenuta kienet tittallab minghand hu l-attur R jew anke mill-habib tieghu Z 1 2 li hass li kien hemm certu nuqqas ta' professjonalita' da  parti taghha.

Fis-sentenza **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**, l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak li jkun minkejja illi dawn jirreferu ghal affarijiet vera jew foloz."***

Gie ukoll ritenut li ghas-sejba ta' htija fit-tkissir taz-zwieg dawk is-sevizzi, minacci u ingurji gravi jkunu kommessi abitwalment u ripetutament. Fis-sentenza **Jayne Margaret Chetcuti vs Lawrence Chetcuti** moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2015 gie ddikjarat illi ***"….mhux kull nuqqas da parti ta' konjugi versu l-konjugi l-iehor jwassal ghas-sevizzi, minacci jew ingurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, maghmula ripetutament u abitwalment, iwegghu u***

***jferu lill-konjugi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir wahda difficli u insopportabbli. Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza patria: "Per sevizie del senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'anima di colui e sono diretti al punto di ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti [ PA Camilleri utrinque, 16 Marzu, 1898]."***

Issir referenza ghall-kaz **Catherina Agius vs Benedict Agius,** deciza fit-13 ta' Gunju, 1967 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn gie pprecizat illi l-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq citat iridu jkunu tali li joholqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiccaw ighixu "***f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insopportabili l'abitazione e la vita comune."***

Inoltre fil-kaz **Giuseppa Agius vs. Pacifiko Agius** deciza fl-10 ta' Dicembru, 1951 mill-Appell Superjuri, il-Qorti qalet:-

***"Mhux talli tghajjir tal-konjugi bejniethom jikkostitwixxi dik l-ingurja gravi li tiggustifika d-domanda ta' separazzjoni personali; imma meta l-kliem dirett minn wiehed mill-konjugi lill- iehor huwa tali li joffendi l-qalb u l-unur tal-bniedem, dawk il-kliem jammontaw ghal dik l-ingurja gravi…***

***Huma servizji dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huwa dirett u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni***

***f'dak il-konjugi hekk offiz u avversjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkometti dawk l-atti…Ix-xehha tar-ragel, meta hija ezagerata u eccessiva, tista' tikkostitwixxi servizju li tirrendi impossibbli l-konvivenza konjugali."***

Kif inghad fis-sentenza ricenti **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis-27 ta' April, 2017: ***"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.***

***"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccess" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.***

***"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu 40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."***

Gie enuncjat fil-kawza fl-ismijiet **Elisa Thompson vs Edward Thompson** illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza' mpossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom.

L-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta isemmi l-mohqrija, illi minn gurisprudenza kostanti tirreferi ghas-sevizzi bhala bazi ghas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1961** gie enunciat illi : "***Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."*** Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Ghaldaqstant, jirrizulta ghal din il-Qorti li l-kontendenti kkontribew ghall-problemi fiz-zwieg minhabba ingurji gravi, sevizzi u eccessi minhabba dawn ic-cirkostanzi kontributorji li ssemmew iktar 'l fuq.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Dwar it-talba tal-attur li jigi assenjat il-proprjeta' 114, Scirocco, Xatt is-Sajjieda MarsaXlokk skond l-ordni moghtija mill-Federal Circuit Court of Australia fid-9 ta' Ottubru, 2017, din diga' giet assenjata lill-attur u fl-istess waqt gie ordnat jassumi d-dejn fuq l-istess u ghalhekk dina l-Qorti ma tistax tifhem il-pretenzjoni tal-attur f'dan ir-rigward li prattikament huma ghal kollox frivoli u vessatorji.

Dwar kontijiet bankarji f'Malta ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni u ghaldaqstant, dawk kongunti ghandhom jinghalqu u jinqasmu l-flus li hemm bejniethom, filwaqt li l-kontijiet f'isem il-partijiet ghandhom jigu assenjati lihom personalment.

**<u>DEKADENZA</u>**

Dina l-Qorti kellha diversi drabi fejn accennat ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16. Generalment l-artikolu huwa tassattiv jekk kemm il-darba jirrizulta li l-kagun tas-separazzjoni huwa l-adultjeru u/jew abbandun, li mhux il-kaz.

Hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-applikazzjoni tal-Artikolu 52 skond l-estremi li wasslu ghal dina s-separazzjoni. Izda wara dina l-Qorti analizzat ir-rizultanzi processwali ma tarax lok ghall-applikazzjoni ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi.

**<u>DIVORZJU</u>**

L-attur qed jitlob ukoll li jinhall dan iz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kap, 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li l-attur irritorna lura Malta fl-2015 jirrizulta li ghaddew erba' snin minn mindu ilhom ighixu separatament. Il-kawza *per se* tirrapprezenta li ma hemmx lok ghar-rikonciljazzjoni. Jirrizulta li hemm problemi u arretrati ta' manteniment lejn it-tfal, meta l-

konvenuta kkonfermat li kien biss hallas ftit mill-manteniment li kien dovut minnu.

Dwar manteniment jirrizulta li diga' kien hemm sentenza moghtija mill-Federal Circuit Court of Australia. Skond l-istess Qorti kellu jhallas arretrati ta' $11, 436, 01, kif ukoll gie ordnat ihallas *lump sum payment* ta' $100, 000 u dan skond ma jirrizulta mid-digrieti mahruga mill-istess Qorti.[28]

Il-konvenuta pproduciet dokumentazzjoni fiz-zmien tas-sena 2015, meta l-attur kien jahdem mal-Ministeru tal-Edukazzjoni u kien izomm il-kariga ta' manager. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobsplus Ltd. Ipprezenta l-employment history tal-attur, minn fejn jirrizulta li l-ahhar impjieg tieghu kien fl-2017 part-time relatat mal-Performing Arts u l-bqija huwa self-employed.

Ma ngabux ghalhekk provi konkreti dwar l-introjtu tal-attur, lanqas biss ma pprezenta xi formuli tat-taxxi biex jikkonferma l-introjtu tieghu.

Dan iqieghed il-Qorti f' posizzjoni difficilissima gialadarba wiehed mir-rekwisiti rikjesti sabiex jinghata d-divorzju mhux soddisfatt.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

i) Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba tortijiet minn naha tat-tnejn ;
ii) Tilqa' t-tieni talba ;

[28] Ara fol. 68/69 tal-process.

iii) Tasjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba ;

iv) Tichad il-hames talba ;

v) Tilqa' s-sitt talba sa fejn dan kien applikabbli stante l-ordni tal-Federal Circuit Court of Australia datat 9 ta' Ottubru, 2017;

vi) Tilqa' s-seba' talba attrici;

vii) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmein talba ;

viii) Tichad id-disa' talba ;

ix) Tichad l-ghaxar u l-hdax-il talba ;

x) Tilqa' t-tnax-il talba.

Stante c-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Cettina Gauci**

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**